**A.L. 376 ta' l-2007**

## ATT DWAR AWTORITÀ DWAR IT-TRASPORT TA' MALTA (KAP. 332)

### Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Tqegħid ta' *Billboards* fit-Toroq

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 32 ta' l-Att dwar Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, il-Ministru għall-Iżvilupp Urban u Toroq, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Tqegħid ta' *Billboards* fit-Toroq u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2004 dwar Tqegħid ta' *Billboards* fit-Toroq, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". Titolu. A.L. 368 ta' l-2004.

**2.** Minflok ir-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

"1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti dwar it-Tqegħid ta' *Billboards* u Riklamar fit-Toroq.".

**3.** Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

(a) fit-tifsira *"billboard"*, minflok il-kliem "permanenti, temporanja jew ta' xorta politika" għandhom jidħlu l-kliem "permanenti jew ta' xorta politika";

(b) minflok it-tifsira "*billboard* temporanju" għandu jidħol dan li ġej:

" "*billboard* temporanju" tfisser *billboard* li ma jkunx imwaħħal ma' l-art;";

(ċ) minflok it-tifsira "siti skedati" għandu jidħol dan li ġej:

" "siti skedati" tfisser dawk is-siti skedati mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta bl-approvazzjoni ta' l-Awtorità għall-Ambjent u l-Ippjanar, u li lista tagħhom għandha tinżamm mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta u għandha tiġi ippubblikata b'avviż minn żmien għal żmien fil-Gazzetta tal-Gvern;"; u

(d) minnufih wara t-tifsira "siti skedati" għandhom jidħlu dawn it-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "vettura" tfisser kull vettura, kemm jekk timxi waħedha mekkanikament ukoll jekk le, li tkun mibnija jew adattata biex tkun tista' tintuża fit-triq;

"vettura għar-riklamar" tfisser vettura użata jew li tkun intenzjonata li tintuża għall-wiri ta' riklamar.".

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

**4.** Fis-subregolament (1) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali, għandhom jitħassru l-kliem "muri fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti".

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

**5.** Fir-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "fit-Tieni Skeda" għandhom jidħlu l-kliem "fl-Iskeda".

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

**6.** Fir-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "fit-Tieni Skeda" għandhom jidħlu l-kliem "fl-Iskeda".

Jissostitwixxi r-Regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

**7.** Minflok ir-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Mhux permissibbli.

**9.** (1) Ebda persuna ma għandha tqiegħed jew iġġiegħel li jitqiegħed *billboard* temporanju fi triq.

(2) Ebda persuna ma tista' ssuq jew tuża, jew tippermetti jew iġġiegħel li tinsaq jew li tintuża fit-triq vettura għar-riklamar mingħajr permess maħruġ mill-Awtorità biex dik il-vettura tkun tista' tintuża għal dak l-iskop.

(3) L-Awtorità tista', meta ssir applikazzjoni mis-sid reġistrat ta' vettura u mal-ħlas tad-dritt preskritt, toħroġ

permess taħt dak ir-regolament biex il-vettura tkun tista' tintuża bħala vettura għar-riklamar.

(4) Ebda persuna ma għandha tipparkja, jew tippermetti jew iġġiegħel li tiġi pparkjata fit-triq vettura għar-riklamar.".

**8.** Ir-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Jemenda r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

(a) minflok is-sub-regolament (1) għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Ebda persuna ma għandha tqiegħed jew iġġiegħel li jitqiegħed xi *billboard* ta' xorta politika fit-triq mingħajr il-permess ta' l-Awtorità:

Iżda *billboard* ta' xorta politika li jitqiegħed fit-triq f'xi żmien wara l-ħruġ tar-*Writ* ta' l-elezzjonijiet ġenerali, kif provdut fl-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, u l-jum tal-votazzjoni f'dawk l-elezzjonijiet ġenerali jkun eżenti mid-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament: Kap. 354.

Iżda wkoll l-Awtorità tista' tordna t-tneħħija, jew tkun hi stess li tneħħi, kull *billboard* bħal dak fejn, fil-fehma tagħha, dak il-*billboard* ikun ta' periklu għat-traffiku jew għal min juża t-triq."; u

(b) fis-sub-regolament (2), minnufih wara l-kliem "*billboard* ta' xorta politika" għandhom jidħlu l-kliem "li ma jkunx *billboard* li jitqiegħed fit-triq skond il-proviso li hemm mas-subregolament ta' qabel dan,".

**9.** Fis-sub-regolament (2) tar-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "*Billboard* temporanju jew ta' xorta politika" għandhom jidħlu l-kliem""*Billboard* ta' xorta politika, li ma jkunx'*billboard* ta' xorta politika li jitqiegħed fit-triq skond il-proviso li hemm mar-regolament (10)(1),". Jemenda r-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali.

**10.** L-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha titħassar. Iħassar l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

Jintitola mill-ġdid it-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

**11.** It-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi intitolata mill-ġdid bħala "Skeda".

Jemenda l-Iskeda, kif intitolata mill-ġdid, li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

**12.** L-Iskeda, kif intitolata mill-ġdid, li tinsab mar-regolamenti prinċipali minflok il-kliem "(Regolamenti 6 u 9)" għandhom jidħlu l-kliem "(Regolamenti 6 u 7)".

**L.N. 376 of 2007**

## MALTA TRANSPORT AUTHORITY ACT (CAP. 332)

## Erecting of Billboards on the Road (Amendment) Regulations, 2007

IN exercise of the powers conferred by article 32 of the Malta Transport Authority Act, the Minister for Urban Development and Roads has, after consultation with the Malta Transport Authority, made the following regulations:-

**1.** The title of these regulations is the Erecting of Billboards on the Road (Amendment) Regulations, 2007, and they shall be read and construed as one with the Erecting of Billboards on the Road Regulations, 2004, hereinafter referred to as "the principal regulations". Title. L.N. 368 of 2004.

**2.** For regulation 1 of the principal regulations there shall be substituted the following: Amends regulation 1 of the principal regulations.

"1. The title of these regulations is Placing of Billboards and Advertising on the Road Regulations, 2004.".

**3.** Regulation 2 of the principal regulations shall be amended as follows: Amends regulation 2 of the principal regulations.

(a) immediately before the definition "allocation agreement" there shall be added the following new definition:

"advertising vehicle" means a vehicle used or intended to be used for the displaying of advertising;";

(b) in the definition "billboard", for the words "permanent, temporary or political" there shall be substituted the words "permanent or political";

(c) for the definition "scheduled sites" there shall be substituted the following:

" "scheduled sites" means those sites scheduled by the Malta Transport Authority with the endorsement of the Malta Environment and Planning Authority, a list of which shall be kept by the Malta Transport Authority and published by notice from time to time in the Gazette.";

(d) for the definition "temporary billboard" there shall be substituted the following:

" "temporary billboard" means a billboard which is not affixed to the underlying ground;"; and

(e) immediately after the definition "temporary billboard" there shall be added the following new definition:

" "vehicle" means any vehicle, whether or not mechanically propelled which is constructed or adapted for use on roads.".

Amends regulation 4 of the principal regulations.

**4.** In sub-regulation (1) of regulation 4 of the principal regulations, the words "listed in the First Schedule to the regulation" shall be deleted.

Amends regulation 6 of the principal regulations.

**5.** In regulation 6 of the principal regulations, for the words "the Second Schedule" there shall be substituted the words "the Schedule".

Amends regulation 7 of the principal regulations.

**6.** In regulation 7 of the principal regulations, for the words "the Second Schedule" there shall be substituted the words "the Schedule".

Substitutes regulation 9 of the principal regulations.

**7.** For regulation 9 of the principal regulations there shall be substituted the following:

"Not permissible.

**9.** (1) No person shall erect or cause to be erected any temporary billboard on any road.

(2) No person shall drive or use, or permit or suffer to be driven or used on any road, an advertising vehicle without a permit issued by the Authority allowing its use for that purpose.

(3) The Authority may, on application by the registered owner of a vehicle and on payment of the prescribed fee, issue a permit under this regulation for the use of the vehicle as an advertising vehicle.

(4) No person shall park, or permit or suffer to be parked on any road, an advertising vehicle.".

Amends regulation 10 of the principal regulations.

**8.** Regulation 10 of the principal regulations shall be amended as follows:

(a) for sub-regulation (1) there shall be substituted the following:

"(1) No person shall place or cause to be placed on a road any political billboard without a permit from the Authority:

Provided that a political billboard placed on a road at any time from the issue of a general elections writ, as provided for in the General Elections Act, and the day of voting in those general elections shall be exempt from the provisions of this regulation: Cap. 354.

Provided further that the Authority may order the removal, or it may itself remove, any such billboard where, in the opinion of the said Authority, such billboard constitutes a hazard to traffic or road users.";

(b) in sub-regulation (2), immediately after the words "a political billboard" there shall be inserted the words "which is not a political billboard placed on a road in accordance with the proviso to the preceding sub-regulation,".

**9.** In sub-regulation (2) of regulation 12 of the principal regulations, for the words "Any temporary or political billboard", there shall be substituted the words "Any political billboard, other than a political billboard placed on a road in accordance with the proviso to regulation (10)(1),". Amends regulation 12 of the principal regulations.

**10.** The First Schedule to the principal regulations shall be deleted. Deletes the First Schedule to the principal regulations.

**11.** The Second Schedule to the principal regulations shall be renamed "Schedule". Renames the Second Schedule to the principal regulations.

**12.** In the Schedule, to the principal regulations, as renamed, for the words "(Regulations 6 and 9)" there shall be substituted the words "(Regulations 6 and 7)". Amends the Schedule, as renamed, to the principal regulations.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta’ l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*

Prezz/*Price*
Lm0.16 (€0.37)